**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Joel Portelli**

Numru: 35/2017

Illum 18 ta' Gunju 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joel Portelli,** ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, iben George u Maria nee' Borg imwieled ir-Rabat, Ghawdex fit-12 ta' Lulju 1989, residenti fil-fond Block I, Bieb B, Flat 3, Triq tac-Cawla, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 27989(G), akkuzat talli nhar l-4 ta' Awwissu 2017, ghall-habta tat-15.00hrs, fi Triq tac-Cawla, Rabat, Ghawdex:

1. Hebb ghal martu Gabriella Portelli u kkagunalha offiza ta' natura gravi skont kif iccertifkaha Dr. F.C. Casha MD bin-numru tar-registrazzjoni mediku 3303, u dan bi ksur tal-Artikolu 218(2) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Insulenta, ingurja jew heddied bi kliem lil Gabriella Portelli u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kiser l-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju jew glied. U dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba il-kariga tieghu u cioe' ufficcjal tal-armata, kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti l-piena stabbilita skont il-Ligi, tapplika Artikolu 383 u Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 ghall-harsien ta' Gabriella Portelli u ohrajn;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 74) datata 20 ta' Dicembru 2017 li permezz taghha baghat lill-imputat Joel Portelli biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) fl-Artikoli 214, 215, 216, 218 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) fl-Artikoli 17, 31, 383, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-13 ta' Frar 2018 (*a fol.* 76), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali tal-20 ta' Dicembru 2017, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi;

Semghet sottomissjonijiet finali da parte ta' Dr. Anne Marie Mangion ghall-parte civile u da parte ta' Dr. Deborah Camilleri ghall-imputat.

## KUNSIDERAZZJONIJIET GENERALI

### Preliminari[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>L-ghodda biex tiddeciedi</u>**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[2]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[3] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn

[2] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[3] Appell Kriminali Numru. 115/2006

"nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

<u>**L-inkwiet fil-familja**</u>

Il-Qorti f'dan il-kaz tat cans lill-partijiet biex jekk iridu huma jaghmlu tentattiv li jirrikonciljaw jew li jaqblu fuq separazzjoni bonarja. Il-Qorti

hadet pacenzja taghti z-zmien kollu lill-partijiet ghaliex l-avukati tal-partijiet kienu qeghdin jaghtu l-impressjoni li se jkun hemm zblogg. Dawn il-proceduri hadu zvolta meta jidher li c-cans ghal rikonciljazzjoni sfaxxa fejn il-Qorti kienet infurmata li bhalissa l-*parte civile* kellha partner iehor.

**Il-periklu tas-*social network***

Bħal ħafna għodod, is-*social networks* jistgħu jkunu t'għajnuna jew ta' periklu. Hemm min jużawhom biex iżommu kuntatt mal-familja u l-ħbieb. Imma hemm min juza s-*social networks* b'mod ħażin. Dan jista' jwassal biex inħassru r-reputazzjoni tagħna u nitilfu l-ħbiberija u jitkissru r-relazzjonijiet. Huwa ta' periklu li tuża l- midja soċjali żżejjed. Li nqattgħu sigħat twal fuq is-*social networks* jew il-midja soċjali jista' jisirqilna ħin prezzjuż li nistgħu nużawh għall-familja. Persuna tista' titħajjar tippowstja fuq is-*social network* ritratti jew kummenti li ma jkunux xierqa, li jkissru r-relazzjonijiet.

**Vjolenza domestika**

Ir-relazzjonijiet tagħna fil-familja huma importanti ħafna f'ħajjitna għaliex il-familja għandha tkun l-ambjent fejn insibu lil min iħobbna u lil min inħobbu. Il-familja hija l-post fejn għandek tħossok *safe* u fejn tista' tkun libera jew liberu taqsam ħajtek ma' dawk ta' madwarek.

Imma sfortunatament hawn ambjenti li huma eżatt il-kontra ta' dak li l-familja għandha tkun: ambjenti fejn m'hemmx sliem, fejn nisa u tfal, u

xi drabi anke irġiel, jiġu abbużati, imbeżżgħa, u anke umiljati minn xi membru ieħor tal-familja, kultant anke jispiċċaw vittmi ta' vjolenza ħarxa.

Il-vjolenza fil-familja hi mifruxa. Hi fost l-agħar vjolenza li wieħed jista' jesperjenza għaliex hija vjolenza mwettqa minn min suppost iħobbok u suppost jipproteġik fid-dar; il-post li suppost huwa l-aktar post fejn għandek protezzjoni f'ħajtek u fejn it-tfal jitgħallmu l-eżempji tajba biex jikbru f'adulti maturi.

**Il-vjolenza fil-familja hija dejjem ħażina u qatt ma tista' tiġi ġustifikata, kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-vjolenza**. Il-vjolenza tfarrak lill-persuna li tkun qed tiġi attakkata; tkissrilha l-istima tagħha nnifisha; taqtagħha mill-kumplament tal-familja u xi drabi twassal għal mard serju u konsegwenzi koroh.

Vjolenza domestika mhix sempliċiment problema privata tal-familja li trid tinżamm wara bibien magħluqa, iżda sitwazzjoni pubblika li twassal għall-problemi fis-soċjetà. Tħalli impatt fuq setturi varji, waqt li twassal ukoll għall-vjolenza u kriminalità.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz instemghu ghaxar (10) xhieda:

*Dr. Frank C. Casha (a fol. 21 et seq.), PS 1061 Justin Zammit (a fol. 26 et seq.), Spettur Edel Mary Camilleri (a fol. 35 et seq.), Kaptan Chris Vella (a fol. 42), Rev. Fr. Joseph Farrugia (a fol. 57), Spettur Edel Mary Camilleri (a fol. 62),*

*Gabriella Portelli (a fol. 65 et seq.), Dr. Nicolai Briffa (a fol. 72), Gabriella Vella (a fol. 84 et seq.) u l-imputat Joel Portelli (a fol. 96 et seq.).*

**Il-*fatti specie* tal-kaz kif johorgu mix-xhieda**

Ix-xhud **Gabriella Portelli**[4] xehdet:

> *Bħal ġranet oħra mort il-baħar bit-tfal, għandi żewġt itfal żgħar – tifel ta' tlett snin u tifla ta' sena – lestejt l-affarijiet kollha tad-dar u hekk, x'jieklu, u ħadthom il-baħar. Kienet ġurnata sabiħa u iddeċidejt li nieħu ritratt tal-veduta u fih ġibt lil saqajja jidhru minn irkoptejja 'l isfel fir-ritratt. U bħalma jagħmlu ħafna tfajtu –*
>
> *Il-Qorti:*
>
> *Ma jfissirx li jagħmlu sewwa għax jagħmlu ħafna u joqgħodu jtellgħu l-ħmerijiet fuq il-Facebook. Kompli.*
>
> *Ix-xhud:*
>
> *Imma jiena m'għandix jiġifieri ħafna friends; li kelli tal-familja u hekk. U tfajtu insomma u mort id-dar, inġbart id-dar bit-tfal, ħsilthom u lestejthom u raqqaddthom u hekk. U ftit wara nibda nirċievi l-messaġġi jgħajjarni u jakkużani li jiena qaħba għax jiena ma naħdimx, dejjem niġġerra l-baħar bit-tfal. Issa dawn it-tfal ġo appartament żgħir ma tantax għandhom fejn joqgħodu. Insomma. U wara ftit ġie. Issa dan ma kinitx l-ewwel darba li refa' idejh jiġifieri fuqi u hekk u jiena nibża' ħafna minnu għax dak it-tip li kollox kif irid hu u anke suppervja u hekk, jaqbad u jkissir kollox, li jsib quddiemu. Insomma, tela' d-dar u kont qiegħda fil-kamra tas-sodda li tiġi faċċata tal-bieb ta' barra niġbor il-ħwejjeġ tiegħu stess u ġie wiċċ ma' wiċċ miegħi*

[4] Seduta tal-20 ta' Lulju 2018

*jgħajjarni u kompla jiġifieri jiġġieled miegħi li bl-għajjat li għajjat lit-tfal qajjimhom, bdew jibku u jgħajtu u qalli li mmurr nippakkja biex nitlaq 'il barra. Jiena smajt minnu, ovvja kont imwerwra minnu u hekk, u mort bdejt nippakkja l-affarijiet u reġa' ġie fejni fil-kamra fejn kont jien, u baqa' jiġifieri jiġġieled miegħi u kien hemm banketta żgħira tat-tfal li waddabaha għalija u ħabtet mal-linfa u waqgħet eżatt maġenbi. Imbagħad baqa' bl-għajjat u jgħajjarni u ħatafini minn għonqi u kaxkarni l-kuritur kollu biex jitfagħni 'l barra. Issa, jiena kelli t-tfal hemm ġew, ma xtaqtx nitlaq 'il barra u lanqas kont liebsa, ħwejjeġ tad-dar kont liebsa. Insomma bqajt nissielet miegħu biex ma jitfagħnix 'il barra u fetaħ il-bieb ta' barra u tefagħni fil-komun. Jiena bqajt nissielet miegħu u f'illi u l-ħin fetaħ il-bieb b'salvaġija kbira, ħatafni minn idejja, kaxkarni, ġebbidni 'l ġew, ħabbatni mal-koxxa tal-bieb u waqqagħni jiġifieri bid-daqqa, li jiena mbagħad pruvajt inqum, kont b'uġigħ kbir u qomt u mort għat-tfal. Xħin qbadt it-tifel, għax ilħaqt naqbad it-tifel, hu ġie, ħatafuli minn idejja, u qalli biex ma nistax nieħdu, u waddbu għal fuq għax qabdu minn spallejh u waddbu għal fuq is-sodda tagħna. U beda jheddidni li jekk immur nirrapporta lill-pulizija hu ħa jaqbad it-tfal u jmur jaqbeż, jitfagħhom minn Ta' Ċenċ għal isfel. U beda jheddidni li ħa joqtolni u hekk. Din mhix l-ewwel darba li jgħidli li jekk nitlaq mid-dar kien ħa jheddidni u joqtolni jiġifieri, imma jien dejjem kont nibża' minnu, allura qatt m'għamilt rapporti u hekk, minħabba t-tfal. Imbagħad hu ma ħallinix jiġifieri nitlaq bit-tfal u jien bdejt naħseb x'nista' nagħmel minħabba dan tat-tfal; it-tfal kienu mwerwrin. U l-unika ħsieb li ġieni li inċempel lil missieru għax dak l-unika persuna li kien jibża' minnu u forsi jisma' minnu. U biddilt u nżilt isfel għax ma ħassejtnix safe*

*allavolja t-tfal kelli nħallihom warajja billi ma ħallinix nitlaq. Inżilt isfel quddiem l-appartament u ssakkart ġol-karozza jiġifieri dan b'uġigħ kbir fil-kustilji u b'sieqi miksura. Ċempilt lil missieru u ftit tal-ħin wara tela'. U mbagħad ġie, tela' jiġifieri ċanfru u qallu li hu ma jippermettix li jsir dawn l-affarijiet fil-proprjetà tiegħu billi fejn konna noqgħodu kien jikrih hu u qalli biex immur nista' nitlaq bit-tfal. Imma hu heddidni li jekk fis-sebgħa (7.00) ma mmurx bit-tfal lura d-dar hu kien ħa jmur u jisparalhom bis-senter tal-kaċċa jiġifieri reġa' heddidni li ħa joqtolhomli u joqtol lil min ikun hemm miegħu. Jiena tlaqt, jiġifieri soqt b'saqajja miksura lejn id-dar ta' ommi, imbagħad mort nagħmel rapport lill-pulizija ma' missieri.*

L-imputat **<u>Joel Portelli</u>** [5]xehed li:

*Kienet ġurnata normali. Mort għax-xogħol u kont qiegħed xogħol. Tellgħet ritratt u għidtilha tħassru. Mort id-dar u bdejna nargumentaw naqra. Għidtilha biex tmur fis-saħna tal-mument u ħarġet u bdiet timbotta l-bieb biex tidħol. Ġbidtha u ħabtet ġol-koxxa tal-bieb. Ritratt ta' saqajha fuq l-Instagram.*

*<u>L-Avukat Dottor Deborah Camilleri:</u>*

*Fuq x'hiex telleghtu?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Fuq l-Instragram jew Facebook.*

*<u>L-Avukat Dottor Deborah Camilleri:</u>*

*U x'ġara? Int rajt dan ir-ritratt u x'ġara?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Għidtilha biex tħasru u x'ħin morna d-dar bdejna nargumentaw.*

[5] Seduta tat-8 ta' April 2019

*L-Avukat Dottor Deborah Camilleri:*

*Għaliex?*

*Ix-xhud:*

*Biex tħassar ir-ritratt.*

*L-Avukat Dottor Deborah Camilleri:*

*X'ġara mela? Hi x'riedet?*

*Ix-xhud:*

*Riedet tħallih hemm. Imbagħad għidtilha biex tmur fis-saħna tal-argument. Biex titlaq mid-dar. U ġbidtha u ħabtet saqajha ġol-koxxa tal-bieb. U mbagħad ġie missieri għax ċemplet lil missieri u marret lejn id-dar tagħha, issuq waħidha. Imbagħad filgħaxija l-pulizija qaluli li daħal xi rapport li kisret saqajha.*

*L-Avukat Dottor Deborah Camilleri:*

*Imma spjega ftit lill-Qorti għax il-Qorti trid tkun taf, x'kuntatt kien hemm dak il-ħin? Għax int għidtilna qam argument, spjega ftit.*

*Ix-xhud:*

*Għidtilha biex toħroġ, u mbuttajtha naqra biex toħroġ 'l barra u bdiet timbotta l-bieb biex tidħol 'il ġew terġa' u xħin ġbidtha biex tidħol ħabtet saqajha ġol-koxxa tal-bieb ta' wara u qalet li kisret saqajha hemmhekk.*

*L-Avukat Dottor Deborah Camilleri:*

*Imbagħad dak il-ħin x'ġara jiġifieri?*

*Ix-xhud:*

*Xejn. Imbagħad dak il-ħin niżlet ġol-karozza, ċemplet lil missieri u tela' missieri u ħadet it-tfal u marret id-dar ta' ommha.*

*Kontro eżami:*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Mela, Joel, int qed tgħid li kellkom argument żgħir, mhux hekk? Ara ngħidx li l-argument ma kienx żgħir imma bdejt tibagħtilha ħafna ħafna messaġġi fuq il-mobile biex tneħħi r-ritratt li poġġiet fuq Instagram li ma kien xejn ta' barra minn hawn għax kien tal-baħar u tagħha. Xi tgħid?*

*Ix-xhud:*

*Messaġġi bgħattilha, ma konniex qed nargumentaw, ma konniex fejn xulxin.*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Mela, ara ngħidtx sew li int mort id-dar, bdejt tgħajjat magħha u theddidha biex tneħħi dan ir-ritratt u inti qbadtha minn għonqha u kaxkartha u sabbatha mal-koxxa tal-bieb. Xi tgħid?*

*Ix-xhud:*

*Mhux veru.*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Mhux vera!*

*Ix-xhud:*

*Le.*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Jekk int bdejt tgħidilha biex titlaq 'l barra għax ma tridhiex aktar ġo darek, għax dik hi darek u mhux darha, xi tgħid?*

*Ix-xhud:*

*Għidtilha hekk imma mhux veru qbadtha minn għonqha u ħabbatha mal-bieb.*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Qed tgħid li ħabtet waħaedha mal-bieb?*

*Ix-xhud:*

*Xħin ġbidtha ħabtet mal-bieb. Fl-ebda ħin ma mbuttajtha u ħabtet mal-bieb. Kienet diġà barra u xħin ġbidtha 'l ġewwa ħabtet ġol-koxxa, mhux tal-bieb ta' barra imma tal-bieb tal-kamra, ta' ġewwa.*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Mela, ara ngħidx sew li tant int kont mifxul f'rabja kbira li anke t-tifel waddabt fuq is-sodda biex inti taqbadha lilha u twaddabha mal-bieb. Int qbaddtha minn għonqha. Inti naqblu li qbadtha minn għonqha?*

*Ix-xhud:*

*Le le le ma naqblux.*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Allura kif tispjega li kisret sieqha?*

*Ix-xhud:*

*Jien ma naf li fl-ebda ħin ma kisret sieqha għax quddiemi qamet u mxiet, niżlet isfel u reġgħet telgħet fuq, reġgħet marret Santa Luċija ssuq. Jien quddiemi fl-ebda ħin ma rajtha zzappap u kisret sieqha. Jien naħseb li bniedem jikser saqajh quddiemi ma jimxix.*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Allura kif tispjega li ġara?*

*Ix-xhud:*

*Jien li naf jien li ħabtet ġol-koxxa tal-bieb. S'hemmhekk naf. Issa kif kisret sieqha jien ma nafx.*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Jekk ngħidlek li int ridt twaddabha 'l barra, allura int ġbidtha 'l barra, xi tgħid?*

*Ix-xhud:*

*Ma ġbidthiex 'il barra. Imbottajtha minn dahraha 'l barra.*

*<u>L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:</u>*

*Tajjeb. Mela jekk ngħidu li mbottajtha minn daharha 'l barra u waddabtha mal-koxxa tal-bieb xi tgħid?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Ma waddabthiex mal-koxxa tal-bieb għax jien x'ħin kienet barra. Din kienet qiegħda barra, imbottajtha minn dahrha biex toħroġ barra. Issa xħin kienet barra bdiet timbotta l-bieb, ftaħt il-bieb u ġbidtha 'l ġewwa. Imbagħad ħabtet ġol-koxxa tal-bieb, wara li kienet barra.*

*<u>L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:</u>*

*Jekk ngħidlek li dawn l-episodji vjolenti ma kienux tal-ewwel darba imma għamilthom kemm-il darba fuqha xi tgħid?*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Inċident wieħed għandna, 4 ta' Awwissu 2017. Iktar?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Mhux veru.*

*<u>[...]</u>*

*<u>L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:</u>*

*Mela, naqblu li int kont irrabjat meta rajt dak ir-ritratt?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Iva.*

*<u>L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:</u>*

*Kont irrabjat, tajjeb. Allura naqblu jekk fir-rabja inti tkun tlift ir-raġuni?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Le.*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Le. Jiġifieri kont f'siktek jiġifieri?*

*Ix-xhud:*

*Kont naqra nervuż imma ma kontx mifxul.*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Ma kontx mifxul. U allura għaliex ridt tkeċċiha 'l barra mid-dar?*

*Ix-xhud:*

*Argument li jkollu kulħadd dak, tal-familja.*

*L-Avukat Dottor Anne Marie Mangion:*

*Argument tal-familja. Mela, xejn aktar.*

Ix-xhud **Dottor Nikolai Briffa**[6] xehed li ra lil Gabriella Portelli, fl-ghaxra (10) ta' Awwissu:

*L-istorja, għandha ħamsa u għoxrin (25) sena, allegatament kienet imbuttata mir-raġel tagħha, waqgħet u ħabtet il-left ankle u sustained fracture li ittritjajna bil-plaster.*

*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*U inti ħriġt xi ċertifikat rigward il-ġrieħi?*

*Ix-xhud:*

*Le. Għax jiena fracture clinic ġimgħa wara l-inċident li sar. Jiġifieri ma rajthiex l-ewwel persuna li kont li rajtha l-emerġenza.*

*Il-Qorti:*

*Jiġifieri l-ġrieħi li kellha kif tikklassifikahom?*

*Ix-xhud:*

*Gravi per durata.*

[6] Seduta tas-16 ta' Novembru 2017

Ix-xhud **<u>Dottor Frank Casha</u>**[7] xehed li:

*Eżaminajt lis-Sinjura Portelli Gabriella fl-erbgħa (4) ta' Awwissu ta' din is-sena. Dakinhar kellha brix fuq in-naħa ta' isfel tal-għaksa u ħadtilha x-ray u irriżulta li kien hemm ksur tal-għadma tal-left fibula jiġifieri l-għadma tas-sieq biex niftehmu, in-naħa ta' isfel tas-sieq. U erġajt rajtha, għamilt review tagħha jumejn wara, l-istess bażikament fir-re-examination kellha bruise kaħla fil-livell tal-left ... ftit 'il fuq mill-hip. Ma biddilx in-natura tal-injury dan.*

*<u>Spettur Edel Mary Camilleri</u>:*

*Inti minn naħa tiegħek, Dottore, Gabriella qaltlek xi ħaġa fuq dan il-każ, kif ġiet din il-fracture u dawn il-bruises?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Hi qaltli li kien hemm xi każ ta' xi vjolenza jiġifieri imma ma staqsejtx u ma speċifikajtx aktar milli kien jirrikjedi min-naħa tal-mediċina biex nara x'seta' ġara.*

*<u>Spettur Edel Mary Camilleri</u>:*

*Semmiet lil xi ħadd min ikkawża din il-vjolenza fuqha?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Semmiet lir-raġel dakinhar.*

*<u>Spettur Edel Mary Camilleri</u>:*

*U kif tikklassifikahom dawn il-ġrieħi li inti osservajt u eżaminajt?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Peress li kien hemm ksur hija gravi.*

---

[7] Seduta tat-22 ta' Awwissu 2017

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Rigward l-element formali tal-offiżi kontemplati mill-artikolu 216, 217 u 218 tal-Kap. 9, jispjega l-Profs Mamo:

> *To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the 'animus nocendi', the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. [...]*
>
> *Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu".*[8]

Fil-kawza fl-ismijiet "**Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci**" fejn inghad illi:-

> *'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l-fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l-att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id-daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-*

[8] Profs A.J. Mamo, *Lectures in Criminal Law*, Vol. II pg 225, Published by the Law Students Society.

*cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja.*[9]*'*

Sabiex wieħed ikun jista' jitkellem minn responsabbilita` kriminali, wieħed irid iżomm f'moħħu r-rekwiżiti bażiċi dettati mill-massima legali *actus non facit reum, nisi mens sit rea*. Għall-fini ta' responsabbilita` kriminali, jeħtieġ li jkun hemm att ta' kommissjoni jew ommissjoni li minnu nnifsu huwa kontra l-liġi, u li jkun akkumpanjat minn xi forma ta' intenzjoni li kapaċi tattira s-sanzjonijiet penali. Hawnhekk ta' min jagħmel riferenza għal dak li jgħid il-Professur Anthony Mamo fin-noti tiegħu:

*"The act alone does not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these between as the material and formal conditions of liability. The material condition is the doing of some act by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal condition, on the other hand, is the "mens rea" or guilty mind, with which the act is done. It is not enough that a man had done some act which, on*

[9] Deċiża fit-8 ta' Lulju 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David.

*account of its mischievous tendencies or results, the law prohibits: before the law can justly punish the act, an enquiry must be made into the mental attitude of the doer."*[10]

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

**<u>Offizi fuq il-persuna – artikoli 214, 215, 216, 218, 222(1) tal-Kap 9</u>**

Illi d-dispozizzjonijet relevanti (fil-Kodici Kriminali) dwar klassifikazzjoni tal-offizi fuq il-persuna fil-kamp penali huma s-segwenti:

*216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin -*

*(a) jekk tista' ġġib periklu*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

[10] Profs A.J. Mamo, *Lectures in Criminal Law*, Vol. I pg 56, Published by the Law Students Society.

*……*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

*…….*

*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin -*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

Illi l-artikolu 216 fuq kwotat jirreferi ghall-offiza hekk imsejha "gravi" u l-artikolu 218 ghall-offiza "gravissima".

Illi biex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li:

*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu.*[11]

---

[11] Ref **Pulizija vs Emanuel Zammit** Appell Kriminali deciz 30.03.1998.

Illi fil-kaz in ezami hemm dubju jekk l-imputat kellux l-intenzjoni li jaghmel hsara lil Gabriella Portelli.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara.

Il-Professur Mamo jghid:

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*[12].

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Repubblika vs Domenic Briffa**[13]:

*Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi*[14]*. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:*

[12] Ref op cit pagna 227.
[13] Deciza fis-16.10.2003.
[14] L-Avukat Generali fin-nota bl-artikoli mhux qieghed jindika t-tentattiv ta' ferita gravi.

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non*

*puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima,* ***purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz***[15]*. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok.*

Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat qed jigi addebitat b'offiza gravissima kif deskritta fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' offiza li *tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh.*

Illi ghalhekk, u tenut kont ta' dak li tipprovdi d-dottrina u l-gurisprudenza dwar r-reat in ezami dak li jrid jigi pruvat huwa li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkawza debulizza permanenti fis-

[15] Sottolinear ta' din il-Qorti.

sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew mard permanenti tal-mohh u dan fuq il-persuna ta' Gabriella Portelli.

Skont gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma'xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz mill-Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fit-30 ta' Lulju 2004 il-Qorti qalet hekk:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francis Dingli,*** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Settembru 1996[16] fejn gie ritenut:

*"L-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti skartat id-deposizzjoni u opinjoni tal-espert mediku minnha stess nominat – Dr. Joseph L. Grech – u qaghdet fuq dak li t-tabib tal-Polyclinic – Dr. Anthony Xuereb – ghal dak li jirrigwarda n-natura tal-offiza li garrbet f'wiccha Tracey Burke. Dr. Xuereb ikklasifika l-offiza bhala wahda gravi, mentri Dr. Grech, li ezamina lit-tfajla tlett xhur neqsin jumejn wara l-incident ikklasifikaha bhala offiza hafifa u ta' ebda importanza. L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi **u** permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet,*

[16] Per Onor. Vincent De Gaetano

*per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi iktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju. Differenti huwa l-Artikolu 583 tal-Kodici Penali Taljan li jsemmi biss "la deformazione, ovvero lo sfregio* <u>*permanente*</u> *del viso" (emfasi ta' din il-Qorti) ghall-finijiet tal-offiza gravissima, filwaqt li ghall-finijiet tal-offiza gravi ma jaghmel l-ebda referenza ghall-isfregju jew deformazzjoni la tal-wicc u lanqas tal-partijiet ohra tal-gisem (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-hmistax (15) ta' Frar, 1958 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Emily Zarb****".*

Il-Qorti hi konvinta li l-imputat ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-kwerelanta izda mhux li kkagunalha ferita gravi u ghalhekk se jinstab hati li kkagunalha din il-ferita u dan meta imbuttaha u qabadha minn ghonqha.

<u>**It-tieni imputazzjoni**</u>

<u>**Artikolu 339(1)(e) – jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni**</u>

*L*-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat tinkwadra fil-kontravvenzjoni prevista fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali:

> *jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew* <u>***jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni***</u> *(*Enfazi tal-Qorti*).*

Il-Qorti hi tal-fehma li l-grad tal-prova milhuq mill-prosekuzzjoni huwa sufficjenti fil-kamp penali biex twassal ghall-htija tieghu dwar din l-imputazzjoni.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 338(dd) – Ksur tal-ordni pubbliku</u>**

Rigward din l-imputazzjoni, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999, fl-ismijiet Il-**Pulizija versus Maria Concetta Green**[17] inghad:

> *"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjah 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*
>
> *L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal- Kodici Kriminali."*

[17] Volum LXXXIII Part IV pagina 441

Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Busuttil** deciz fit-23 ta' Gunju 1994 dwar ir-reat ta' ksur ta' bon ordni[18]:

> **Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-*common law* Ingliza kien jissejjah *'a breach of the peace'*. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kuncett Ingliz ta' *'a breach of the peace'* tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet <u>Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.</u>, kien qal hekk:**
>
> ***'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'* (Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).**
>
> **A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza migbura fl-artikolu intitolat *'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order'* pubblikat fil-Vol. X ta' *The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983)* pagna 13 *et seq.*, u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak**

[18] Vol. LXXVIII.v.277.

**li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta'** ***'breach of the peace'*** **fil-ligi Skocciza jirrikjedi ukoll certu element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb taghhom** ***'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992)*****:**

***'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192).***

**Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-*****test*** **awtorevoli tieghu** ***'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978)*****:**

***'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of***

*the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01).*

**U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:**

*'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).*

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri** deciz fl-24 ta' Mejju 1996, il-Qorti ziedet tghid hekk:

**"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoci li l-kuncett ta'** ***'breach of the peace'*** **kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom** ***'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992),*** **b'referenza ghal-ligi Skocciza in materja:**

*'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of-the-peace-type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable*

*uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295).*

**Il-kuncett Ingliz ta'** ***'breach of the peace'*** **li, kif inghad, il-Qrati taghna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tieghu** ***'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987)*** **hekk:**

*'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in <u>Howell</u> …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen*

***all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).***

**Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li <u>oggettivament</u> inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."**[19]

Fil-fatt fis-sentenza, **Il-Pulizija v. Marianne Abela et** moghtija fil-25 ta' Lulju 1984, intqal:

**"... dan l-artikolu 352(bb) gie kostantement interpretat minn din il-Qorti (ara *Pulizija vs Donald Zahra*, 19 ta' April 1950 Kollez. Dec. Vol. XXXIV.iv.968 u s-sentenzi hemm citati) li jikkontempla fatti li jnehhu jew inaqqsu lic-cittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali u ghalhekk fatti ta'**

[19] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Alfred Pisani**, 5 ta' Mejju 1995; **Il-Pulizija v. Pio Galea**, 17 ta' Ottubru 1997; **Il-Pulizija v. Andrea Galea et**, 30 ta' Gunju 1998

**natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taht cirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistghu jikkonducu ghal reati ohrajn kontra l-persuni u s-semplici argumentar b'lehen gholi u xi ftit b'eccitazzjoni, ma jiksirx il-ligi."**

Il-Qorti temmen li l-grad tal-prova milhuq mill-prosekuzzjoni ma hijiex sufficjenti fil-kamp penali biex twassal ghall-htija tieghu dwar din l-imputazzjoni.

__Ir-raba' imputazzjoni__
__L-aggravju kif kontemplat fl-Artikolu 141__

L-imputat jikkontendi li ghalkemm huwa ufficcjal pubbliku, ma hux u ma kienx jinkombi fuqu l-obbligu li jara ossia jissorvelja li r-reati mixli dwarhom ma jsirux, jew li b'xi mod jipprevjeni milli jsiru[20].

Issa, f'dan il-kaz il-fatti principali huma marbuta ma' incident domestiku fil-fond fejn jghix l-imputat. Minn dawn il-fatti ma jikkonfigurax l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Biex jiskatta d-dover jew obbligu taht l-Artikolu 141 imsemmi, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' ligi jew xi kundizzjoni ta' impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-ufficcjal jew

[20] Art. 141: "*Barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghid espressament liema huma l-pieni li ghandhom jinghataw ghar-reati li jsiru minn ufficjali jew impjegati pubblici, kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghal dak ir-reat, mizjuda bi grad*". Fir-rigward ta' din id-disposizzjoni ara, fost ohrajn, ***Il-Maesta` Tieghu r-Re v. Alfred Camilleri***, Qorti Kriminali, 15 ta' Dicembru, 1942, riportata f'Recent Criminal Cases Annotated (1943) tal-Imhallef William Harding, para. 35, pagna 70.

impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (jew ir-reati kollha[21]) jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati)[22].

Din il-Qorti ezaminat l-Att dwar l-Armata (Kap. 220) specifikatament dwar id-doveri u s-setghat tal-membri taghha, izda ma sabet ebda disposizzjoni li tista' tigi interpretata bhala li timponi (direttament jew indirettament) fuq persuni fil-kariga li ghandu l-imputat l-obbligu li jissorveljaw li ma jsirux.

Ghalhekk f'dan il-kaz l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ma japplikax u l-imputat se jkun illiberat minn din l-imputazzjoni.

**KONKLUZZJONIJIET**

F'dan il-kaz il-Qorti hi konvinta li l-imputat ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-kwerelanta u ghalhekk se jinstab hati li kkagunalha din il-ferita.

Se tinstab htija wkoll dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat li tinkwadra fil-kontravvenzjoni prevista fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali li tipprovdi: *"jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew* ***jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni"***

[21] Bhalma huwa l-kaz ta' ufficjali tal-pulizija in vista ta' dak li jipprovdu, fost ohrajn, l-Artikolu 346(1) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta (Kap. 164).
[22] Din it-tema kienet trattata mill-Imhallef Vincent Degaetano fis-17 ta' Lulju, 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Emmanuel Testa**

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat. Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[23] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta'*

[23] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat u minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea fic-cirkostanzi.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni u minnhom tilliberah u wara li rat Artikoli 221(1) u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni izda biss li kkagunalha ferita hafifa u tat-tieni (2) imputazzjoni u a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta,

tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien tliet snin mil-lum.

Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberta kundizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reati oriġinali.

*Inoltre,* ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali rabtet lil imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifisu lejn martu Gabriella Portelli taht penali ta' elfejn ewro (€2000) ghal zmien sena mil-lum u dan skont il-kundizzjonijiet fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jaghmel parti integrali minnha.

Il-Qorti tirrakkomanda illi f'dawn ic-cirkustanzi fil-familja, l-imputat izomm l-impjieg.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**